



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

2 ta' Ottubru 2015 *

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Trade mark figurattiva Darjeeling — Trade marks Komunitarji kollettivi, verbali u figurattiva, preċedenti DARJEELING — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Fil-Kawża T-624/13,

The Tea Board, stabbilita f'Calcutta (l-Indja), irrappreżentata minn A. Nordemann u M. Maier, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn S. Palmero Cabezas, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Delta Lingerie, stabbilita f'Cachan (Franza), irrappreżentata minn G. Marchais u P. Martini-Berthon, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-17 ta' Settembru 2013 (Każ R 1504/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn The Tea Board u Delta Lingerie,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn D. Gratsias (Relatur), President, M. Kancheva u C. Wetter, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Novembru 2013,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Mejju 2014,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' April 2014,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2014 li jgħaqquad il-Kawżi T-624/13 sa T-627/13 għall-finijiet tal-proċedura orali,

wara s-seduta tal-11 ta' Frar 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 Fit-22 ta' Ottubru 2010, l-intervenjenti, Delta Lingerie, ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).
- 2 It-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni hija s-sinjal figurattiv riprodott hawn isfel, li jinkludi l-element verbali "darjeeling", b'ittri bojod, f'rettangolu ta' kulur aħdar ċar:



- 3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom intalbet ir-reġistrazzjoni jaqgħu fil-klassijiet 25, 35 u 38 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irriedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:
 - Klassi 25: "Ħwejjeġ ta' taħt tan-nisa u lbies ta' taħt tan-nisa ta' bin-nhar u tal-lejl, b'mod partikolari panċieri, bodies, kriepet, korpi, riċipetti, qliezet ta' taħt, G-strings, tangas, brassieres, shorties, boxer shorts, ċinturini bit-takkalji, suspenders, ġarrettieri, camisoles, piġamijiet tan-nisa li jaslu sal-ġenbejn, tajts, kalzetti tan-najlon, malji tal-għawm, ħwejjeġ, ħwejjeġ maħdumin bis-suf, bjankerija ta' taħt, flokkijiet, T-shirts, bodices, busti, piġamijiet qosra, pellicċji, overalls, settijiet, ġersijiet, leotards, piġamijiet, ilbies tal-irqad, qliezet, qliezet ta' ġewwa, xalel, ġagagi, ġagagi tal-banju, malji tal-għawm, qliezet tal-għawm, dbielet ta' taħt, xalel";
 - Klassi 35: "Servizzi ta' bejgħ bl-innut ta' ħwejjeġ ta' taħt tan-nisa u ta' lbies ta' taħt tan-nisa, fwejjaħ, ilmijiet tal-fwieħa u kosmetiċi, bjankerija tad-dar u tal-banju, servizzi ta' konsulenza fir-rigward tal-kreazzjoni u l-operat ta' stabbilimenti tal-bejgħ u ta' stabbilimenti tax-xiri għall-bejgħ bl-innut u għar-reklamar, servizzi ta' promozzjoni tal-bejgħ (għal terzi), reklamar, ġestjoni tan-negozju, amministrazzjoni tan-negozju, reklamar online fuq netwerk tal-informatika, distribuzzjoni ta' materjal promozzjonali (fuljetti, prospetti, ġurnali b'xejn, kampjuni), servizzi ta' abbonament ma' ġurnali għal terzi, informazzjoni jew stħarriġ dwar in-negozju, organizzazzjoni ta' avvenimenti, ta' esibizzjonijiet għall-finijiet kummerċjali jew promozzjonali, kiri ta' spazju promozzjonali, reklamar radjofoniku u televiżiv, sponsorizzazzjoni promozzjonali";

- Klassi 38: “Telekomunikazzjonijiet, trażmissjoni ta’ messaġġi u ta’ immaġni permezz tal-kompjuter, servizzi ta’ xandir interattiv dwar il-preżentazzjoni ta’ prodotti, komunikazzjoni permezz ta’ terminals tal-kompjuter, komunikazzjoni (trażmissjoni) fuq netwerk informatiku globali, miftuħ u magħluq”.
- 4 L-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja ġiet ippubblikata fil-*Bullettin tat-trade marks Komunitarji* Nru 4/2011, tas-7 ta’ Jannar 2011.
- 5 Fis-7 ta’ April 2011, ir-rikorrenti, The Tea Board, entità stabbilita mil-Liġi Indjana dwar it-te (Liġi Nru 29 tal-1953) awtorizzata tamministra l-produzzjoni tat-te, ippreżentat oppożizzjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009 kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni għall-prodotti u għas-servizzi msemmija fil-punt 3 iktar ’il fuq.
- 6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade marks preċedenti li ġejjin:
 - it-trade mark Komunitarja kollettiva verbali preċedenti DARJEELING li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni fis-7 ta’ Marzu 2005 u rreġistrata fil-31 ta’ Marzu 2006 bin-Numru 4325718.
 - it-trade mark Komunitarja kollettiva figurattiva preċedenti, li saret applikazzjoni għaliha fl-10 ta’ Novembru 2009, irreġistrata fit-23 ta’ April 2010 bin-Numru 8674327 u riprodotta kif ġej:



- 7 Iż-żewġ trade marks Komunitarji kollettivi jkopru prodotti li jaqgħu fil-klassi 30 u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni segwenti: “Te”.
- 8 Il-motivi invokati insostenn tal-oppożizzjoni kienu dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 9 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-provi prodotti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell, l-element verbali “darjeeling”, jiġifieri l-element verbali komuni għas-sinjali inkwistjoni, jikkostitwixxi indikazzjoni ġeografika protetta għat-te, irreġistrata permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1050/2011, tal-20 ta’ Ottubru 2011, li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Darjeeling (IĠP)] (ĠU L 276, p. 5), wara applikazzjoni riċevuta fit-12 ta’ Novembru 2007. Dan ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni ġie adottat abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, tal-20 ta’ Marzu 2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU L 335M, p. 213), li fil-frattemp ġie ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta’ Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, p. 1).

- 10 Fl-10 ta' Lulju 2012, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ċaħdet l-oppożizzjoni peress li, minn naħa, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 207/2009, il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni ma kinux jixxiebh u li, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tal-imsemmi regolament, il-provi prodotti mir-rikorrenti ma kinux biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' reputazzjoni tat-trade marks kollettivi preċedenti mal-pubbliku rilevanti.
- 11 Fl-10 ta' Awwissu 2012, ir-rikorrenti ppreżentat appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009.
- 12 B'deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2013 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad l-appell u kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. B'mod partikolari, huwa kkonkluda li, fid-dawl tan-nuqqas ta' xebh bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009. Bl-istess mod, huwa ċaħad l-allegat ksur tal-Artikolu 8(5) tal-imsemmi regolament, abbażi tal-fatt li l-provi prodotti mir-rikorrenti ma kinux biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-imsemmi artikolu kienu ssodisfatti.

It-talbiet tal-partijiet

- 13 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
 - tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.
- 14 L-UASI jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.
- 15 L-intervenjenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tikkonferma d-deċiżjoni kkontestata;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

1. *Fuq l-ammissibbiltà tad-dokumenti u tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali*

- 16 Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti tipproduċi, fost l-oħrajn, żewġ immaġni, riprodotti fil-kontenut tar-rikors u li jirrappreżentaw il-faċċata ta' ħanut tal-bejgħ wieħed jew iktar tal-intervenjenti, żewġ immaġni, riprodotti fil-kontenut tar-rikors u użati għall-finijiet promozzjonali mill-intervenjenti, diversi paġni minn sit internet intitolat “Lingerie Stylist Blog” (Anness 7), kif ukoll diversi paġni minn sit internet intitolat “TheStriversRow” (Anness 8). Dawn il-provi, kif ikkonfermat ir-rikorrenti matul is-seduta, ma ġewx riprodotti quddiem l-istanzi tal-UASI.
- 17 L-UASI jikkontesta l-ammissibbiltà ta' dawn l-immaġni u annessi, kif ukoll is-saħħa probatorja tagħhom. Min-naħa tagħha, l-intervenjenti tikkunsidra li l-provi msemmija iktar 'il fuq ma humiex rilevanti għall-kawża ineżami.

18 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali huwa intiż għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-UASI fis-sens tal-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 207/2009 u l-legalità tal-att ikkontestat għandha tiġi evalwata skont il-punti ta' fatt u ta' liġi li jkunu jeżistu fid-data li fiha ġie adottat l-att, peress li l-funzjoni tal-Qorti Ġenerali ma hijiex dik li teżamina mill-ġdid iċ-ċirkustanzi ta' fatt fid-dawl tal-provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiemha. Għaldaqstant, il-provi msemmija iktar 'il fuq għandhom jiġu miċħuda mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi eżaminata s-saħħa probatorja tagħhom [digriet tas-7 ta' Frar 2013, *Majtczak vs Feng Shen Technology u UASI*, C-266/12 P, EU:C:2013:73, punt 45; ara sentenza tal-24 ta' Novembru 2005, *Sadas vs UASI – LTJ Diffusion (ARTHUR ET FELICIE)*, T-346/04, Ġabra, EU:T:2005:420, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata].

2. Fuq il-mertu

19 Ir-rikorrenti tinwoka żewġ motivi, l-ewwel wieħed ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 u, it-tieni wieħed fuq il-ksur tal-Artikolu 8(5) tal-istess regolament.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

20 Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell ikkonstata żbaljament li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, wara li qies li l-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni kienu kompletament differenti. Hija tallega, b'mod partikolari, li l-Bord tal-Appell ma kkunsidrax il-portata tal-protezzjoni mogħtija mit-trade marks kollettivi li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009, billi, fil-każ inkwistjoni, wettaq l-istess tip ta' evalwazzjoni li kien jagħmel sabiex jevalwa l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn żewġ trade marks individwali. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-funzjoni essenzjali ta' trade mark kollettiva bħat-trade marks preċedenti fil-kawża inkwistjoni tikkonsisti fil-garanzija li l-prodotti jew is-servizzi koperti minnha joriġinaw minn impriża li tinsab fiż-żona ta' oriġini ġeografika indikata mit-trade mark ikkonċernata. Skont ir-rikorrenti, din il-funzjoni hija differenti ferm mill-funzjoni ta' trade mark individwali, li tikkonsisti fil-garanzija lill-konsumatur tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti u tas-servizzi koperti.

21 Essenzjalment, ir-rikorrenti tikkunsidra li, minħabba l-funzjoni speċifika tat-trade marks kollettivi li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009, il-fatt li l-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni jistgħu jkollhom l-istess oriġini ġeografika għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, minn naħa, bħala kriterju fil-kuntest tal-evalwazzjoni tax-xebh tagħhom u, min-naħa l-oħra, bħala fattur determinanti waqt l-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-probabbiltà ta' konfużjoni tikkonsisti, bħal fil-każ inkwistjoni, fil-fatt li l-konsumaturi jistgħu jemmnu li l-prodotti, jew il-materja prima tagħhom, u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni għandhom l-istess oriġini ġeografika.

22 Għalhekk, ir-raġunament ippreżentat fil-kuntest tal-ewwel motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti, ir-rikorrenti ssostni essenzjalment li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi, sa fejn naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni, waqt ix-xebh tal-prodotti u tas-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, l-oriġini tagħhom, attwali jew potenzjali, u b'dan il-mod, ma kkunsidrax il-funzjoni speċifika tat-trade marks kollettivi li jipproteġu oriġini ġeografika. Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti essenzjalment tallega li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta, waqt l-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-oriġini ġeografika, attwali jew potenzjali, tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni u b'dan il-mod, ma kkunsidrax il-funzjoni speċifika tat-trade marks kollettivi li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tal-imsemmi regolament.

23 L-UASI u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

Fuq il-pubbliku rilevanti

- 24 Skont il-ġurisprudenza, il-probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, bejn żewġ trade marks inkwistjoni, ma għandhiex tiġi evalwata fuq il-bażi ta' xebh, fl-astratt, tas-sinjali inkwistjoni u tal-prodotti jew servizzi koperti minnhom. L-evalwazzjoni ta' din il-probabbiltà għandha pjuttost tkun ibbażata fuq il-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti ser ikollu tal-imsemmija sinjali, prodotti jew servizzi [sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, ancotel. vs UASI – Acotel (ancotel.), T-408/09, EU:T:2011:241, punt 29].
- 25 Partikolarment, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-konsumatur medju tal-kategorija tal-prodotti kkonċernati, li huwa ġeneralment informat u raġonevolment attent u prudenti. Il-pubbliku rilevanti għall-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni huwa magħmul minn utenti li jistgħu jużaw kemm il-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti kif ukoll dawk koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni (ara sentenza ancotel., punt 24 iktar 'il fuq, EU:T:2011:241, punti 37 u 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 26 Fil-kawża inkwistjoni, fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi ebda analiżi speċifika fir-rigward tal-pubbliku rilevanti u li l-Bord tal-Appell illimita ruħu li japprova b'mod sħiħ l-analiżi li saret għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, għandu jsir riferiment għad-deċiżjoni ta' din tal-aħħar. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li meta l-Bord tal-Appell japprova d-deċiżjoni tal-istanza inferjuri tal-UASI, din id-deċiżjoni kif ukoll il-motivazzjoni tagħha jagħmlu parti mill-kuntest li fih ġiet adottata d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, liema kuntest huwa rikonnoxxut mill-partijiet u jippermetti lill-qorti teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ ta' legalità tagħha fir-rigward tal-mertu tal-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell [ara s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2011, ReValue Immobilienberatung vs UASI (ReValue), T-487/09, EU:T:2011:317, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 27 Skont id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, is-servizzi li jaqgħu fil-klassi 35 huma offeriti minn kumpanniji professjonali li joperaw fil-qasam tal-bejgħ bl-imnut, tar-reklamar, tal-amministrazzjoni u foqsmha professjonali oħra. Fir-rigward tas-servizzi li jaqgħu fil-klassi 38, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tikkunsidra li dawn kienu intiżi għall-pubbliku fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet.
- 28 Fid-dawl tal-fatt li, fir-rigward tal-pubbliku rilevanti li lejha huma indirizzati l-prodotti koperti mit-trade marks inkwistjoni, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ma wettqet ebda analiżi speċifika, għandu jiġi konkluż li hija kkunsidrat, impliċitament, li l-prodotti inkwistjoni kienu indirizzati għall-istess pubbliku.
- 29 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni jirriżulta li dan il-pubbliku, li lejha huma indirizzati kemm il-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kif ukoll il-prodott kopert mit-trade marks preċedenti, huwa l-pubbliku ġenerali. Fil-fatt, waqt l-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kellha tiddefinixxi l-pubbliku kopert minn dawn tal-aħħar [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Frar 2007, Aktieselskabet af 21. November 2001 vs UASI – TDK Kabushiki Kaisha (TDK), T-477/04, Ġabra, EU:T:2007:35, punt 48]. Għaldaqstant, hija kkunsidrat li l-provi prodotti mir-rikorrenti ma kinux jindikaw rikonnoxximent tat-trade marks preċedenti fost il-pubbliku ġenerali tat-territorju rilevanti, jiġifieri l-pubbliku ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- 30 Għaldaqstant, sa fejn il-Bord tal-Appell approva b'mod sħiħ id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, mid-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi konkluż li l-prodotti koperti mis-sinjali inkwistjoni kienu indirizzati għall-istess pubbliku, jiġifieri l-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, ir-rikorrenti hija tal-istess fehma bħal dan l-approċċ sa fejn hija ssostni li t-te u l-ħwejjeġ għandhom l-istess konsumaturi. Fir-rigward

tas-servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 35 u 38 u koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, il-Bord tal-Appell ikkunsidra, impliċitament, kif huwa kkonfermat mill-UASI fir-risposta tiegħu, li dawn huma ġeneralment indirizzati lil pubbliku ta' professjonisti.

- 31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li xejn ma jikkonfuta l-konklużjonijiet ikkonfermati mill-Bord tal-Appell dwar dan il-punt li, fi kwalunkwe każ, ma humiex ikkontestati mill-partijiet fil-kawża.

Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv

- 32 Skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, jekk issir oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti, it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni ma għandhiex tiġi rreġistrata jekk, minħabba l-identikità jew ix-xebh tagħha ma' trade mark preċedenti jew minħabba l-identikità jew xebh tal-prodotti jew tas-servizzi koperti miż-żewġ trade marks, teżisti probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta. Barra minn hekk, jikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni l-fatt li l-pubbliku jista' jemmen li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni joriġinaw mill-istess impriża jew impriżi li huma marbuta ekonomikament [ara sentenza tad-9 ta' Ġunju 2010, Muñoz Arraiza vs UASI – Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja (RIOJAVINA), T-138/09, Ġabra, EU:T:2010:226, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 33 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi l-possibbiltà ta' reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarji kollettivi. Skont l-Artikolu 66(1), "trade mark Komunitarja li hija hekk msejja meta ssir l-applikazzjoni u li hija kapaċi tiddistingwi l-prodotti jew servizzi tal-membri tal-assoċjazzjoni li hija proprjetarja ta' dik il-marka minn dawk ta' impriżi oħrajn" tista' tikkostitwixxi tali trade mark. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li tali trade marks jistgħu jiġu ppreżentati minn "[a]ssoċjazzjonijiet ta' fabbrikanti, produttori, fornituri ta' servizzi, jew negozjanti, skont il-liġi li tirregolahom, għandhom il-kapaċità li f'isimhom stess ikollhom drittijiet u obbligi ta' kull xorta, li jidħlu f'kuntratti jew li jwettqu atti ġuridiċi oħra u li jfittxu u li jiġu mfittxa, kif ukoll persuni ġuridiċi regolati mil-liġi pubblika". L-Artikolu 66(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament japplikaw għal trade marks Komunitarji kollettivi "sakemm l-Artikoli 67 sa 74 [tal-istess regolament] ma jipprovdux mod ieħor".
- 34 L-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jippermetti r-reġistrazzjoni ta' "sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jindikaw l-orijini ġeografika tal-prodotti jew servizzi" bħala trade marks Komunitarji kollettivi fis-sens tal-Artikolu 66(1) u dan b'deroga mill-Artikolu 7(1)(c) tal-istess regolament, li jipprovdi li t-trade marks komposti esklużivament minn tali sinjali jew indikazzjonijiet ma għandhomx jiġu rreġistrati.
- 35 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien ma' dik tal-Artikolu 66(3) tal-istess regolament, trade mark Komunitarja kollettiva tibbenefika, bħal kull trade mark Komunitarja, mill-protezzjoni kontra kull ksur li jirriżulta mir-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja li tinkludi probabbiltà ta' konfużjoni (sentenza RIOJAVINA, punt 32 iktar 'il fuq, EU:T:2010:226, punt 22).
- 36 Kif fakkru l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali diversi drabi, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, probabbiltà ta' konfużjoni tippreżupponi kemm identikità jew xebh tat-trade marks inkwistjoni kif ukoll identikità jew xebh tal-prodotti jew tas-servizzi li huma jkopru. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi [ara d-digriet tal-25 ta' Novembru 2010, Lufthansa AirPlus Servicekarten vs UASI, C-216/10 P, EU:C:2010:719, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, u sentenza tal-5 ta' Diċembru 2012, Consorzio vino Chianti Classico vs UASI – FFR (F.F.R.), T-143/11, EU:T:2012:645, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata].

- 37 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi evalwat jekk hemmx identiċità jew xebh bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti li jikkaratterizzaw ir-rabta bejniethom. Dawn il-fatturi jinkludu, b'mod partikolari, in-natura, il-finalità, l-użu kif ukoll il-kompetittività jew il-komplementarità tagħhom [ara sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2008, Les Éditions Albert René vs UASI, C-16/06 P, Ġabra, EU:C:2008:739, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' Marzu 2013, Event vs UASI – CBT Comunicación Multimedia (eventer EVENT MANAGEMENT SYSTEMS), T-353/11, EU:T:2013:147, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata]. Fatturi oħra jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħall-kanali ta' distribuzzjoni tal-prodotti kkonċernati jew anki l-fatt li l-prodotti ta' sikwit jinbiegħu fl-istess stabbilimenti ta' bejgħ speċjalizzati, li jista' jiffaċilita l-perċezzjoni mill-konsumatur ikkonċernat ta' rabtiet mill-qrib bejniethom u jsaħħaħ il-perċezzjoni li r-responsabbiltà tal-manifattura tagħhom hija tal-istess impraża [ara sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Otero González vs UASI – Apli-Agipa (APLI-AGIPA), T-522/11, EU:T:2013:325, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 38 Fil-kawża inkwistjoni, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni qieset li ma kienx hemm xebh bejn il-prodotti li koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 25 koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni u t-te, li kien l-uniku prodott kopert mit-trade marks preċedenti, minħabba n-natura rispettiva tagħhom, il-finalità tagħhom, il-kanali użati għall-finijiet tad-distribuzzjoni tagħhom u n-netwerk ta' distributuri implikati, kif ukoll minħabba l-fatt li l-imsemmija prodotti la kienu komplementari u lanqas kompetittivi. Għaldaqstant, hija kkonkludiet li ma kien hemm ebda rabta bejn l-imsemmija prodotti. Hija waslet għall-istess konklużjoni fir-rigward tas-servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 35 u 38 koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Il-Bord tal-Appell approva kompletament il-konklużjonijiet tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. F'dan ir-rigward, huwa ċaħad l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-funzjoni essenzjali tat-trade marks kollettivi bħat-trade marks preċedenti li, skont ir-rikorrenti, kienu jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 39 Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti essenzjalment tibbaża r-raġunament tagħha fuq din il-“funzjoni essenzjali” tat-trade marks kollettivi bħat-trade marks preċedenti u ssostni li l-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni għandhom jitqiesu li huma simili peress li jistgħu possibbilment ikollhom l-istess oriġini ġeografika.
- 40 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, kif jirriżulta mill-premessa 8 tar-Regolament Nru 207/2009, l-għan tal-protezzjoni mogħtija mit-trade mark Komunitarja huwa, b'mod partikolari, li tiġi żgurata l-funzjoni tal-oriġini tat-trade mark. Din hija l-funzjoni essenzjali tagħha, li hija dik li tiġi ggarantita lill-konsumatur jew lill-utent finali l-identiċità tal-oriġini tal-prodott jew tas-servizz kopert, li tippermettith jiddistingwi mingħajr konfużjoni possibbli dan il-prodott jew servizz mill-prodotti li għandhom oriġini oħra [ara sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, American Clothing Associates vs UASI u UASI vs American Clothing Associates, C-202/08 P u C-208/08 P, Ġabra, EU:C:2009:477, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 41 Fil-kawża inkwistjoni, huwa paċifiku li l-element verbali “darjeeling” jista' jservi, fin-negozju, sabiex jindikata l-oriġini ġeografika tal-prodott koperti mit-trade marks preċedenti. Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi kkonfutata mir-raġunament tal-UASI bbażat fuq il-perċezzjoni possibbli ta' din il-kelma minn parti mill-pubbliku, li ma tirrikonossix “darjeeling” bħala isem ġeografiku. Madankollu, minkejja li huwa minnu, kif tfakkar ġustament ir-rikorrenti, li l-funzjoni essenzjali ta' indikazzjoni ġeografika hija dik li tiġi żgurata lill-konsumaturi l-oriġini ġeografika tal-prodotti u tal-kwalitajiet partikolari inerenti fihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, Anheuser-Busch/Budějovický Budvar, C-96/09 P, Ġabra, EU:C:2011:189, punt 147), dan ma japplikax għall-funzjoni essenzjali ta' trade mark Komunitarja kollettiva. Il-fatt li din tal-aħħar tikkonsisti f'indikazzjoni li tista' sservi sabiex tindika l-oriġini ġeografika ta' prodotti koperti ma jikkonfutax il-funzjoni essenzjali ta' kull trade mark kollettiva, kif tirriżulta mill-Artikolu 66(1) tar-Regolament Nru 207/2009, jiġifieri li ssir distinzjoni bejn il-prodotti jew is-servizzi tal-membri tal-assoċjazzjoni li hija l-proprietarju u l-prodotti jew servizzi ta'

assoċjazzjonijiet jew impriżi oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza RIOJAVINA, punt 32 iktar 'il fuq, EU:T:2010:226, punti 26 u 27). Għaldaqstant, il-funzjoni ta' trade mark Komunitarja kollettiva ma tinbidilx bħala konsegwenza tar-reġistrazzjoni tagħha skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009. B'mod speċifiku, sinjal Komunitarju kollettiv huwa sinjal li jippermetti li ssir distinzjoni tal-prodotti jew servizzi skont l-assoċjazzjoni tal-proprjetarju tat-trade mark u mhux skont l-orijini ġeografika tagħhom.

- 42 Fil-fatt, minkejja li l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jintroduċi eċċezzjoni għall-Artikolu 7(1)(ċ) tal-istess regolament, billi jdgħajjef il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni filwaqt li jippermetti r-reġistrazzjoni ta' trade marks li jiddeskrivu l-orijini tal-prodotti koperti [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2012, Organismos Kypriakis Galaktokomikis Viomichanias vs UASI – Garmo (HELLIM), T-534/10, Ġabra, EU:T:2012:292, punt 51], l-imsemmi regolament huwa applikabbli, konformement mal-Artikolu 66(3), bla ħsara għal dispożizzjoni espressa, għat-trade marks Komunitarji kollettivi kollha, inkluż dawk irreġistrati skont l-Artikolu 66(2) tiegħu.
- 43 Konsegwentement, sa fejn ebda dispożizzjoni fil-kapitolu tar-Regolament Nru 207/2009 li jikkonċerna t-trade marks Komunitarji kollettivi ma tippermetti li jiġi konkluż li l-funzjoni essenzjali tat-trade marks Komunitarji kollettivi, inklużi dawk li jikkonsistu f'indikazzjoni li tista' sservi sabiex tindika l-orijini ġeografika tal-prodotti koperti, hija differenti minn dik ta' trade marks Komunitarji individwali, għandu jitqies li l-funzjoni essenzjali tagħha, bħal dik ta' trade marks Komunitarji individwali, hija li ssir distinzjoni tal-prodotti jew servizzi koperti skont l-entità speċifika li joriġinaw minnha u mhux skont l-orijini ġeografika tagħhom.
- 44 Għaldaqstant, ir-rikorrenti żbaljatament tikkunsidra li trade mark Komunitarja kollettiva li tikkonsisti f'indikazzjoni li tista' sservi sabiex tiġi indikata l-orijini ġeografika tal-prodotti jew tas-servizzi koperti ma tistax tiddistingwi bejn il-prodotti jew servizzi tal-membri tal-assoċjazzjoni li hija l-proprjetarju ta' dik it-trade mark u dawk ta' impriżi oħra.
- 45 Fil-fatt, skont l-Artikolu 67(2) tar-Regolament Nru 207/2009, l-applikant tat-trade mark Komunitarja kollettiva għandu jippreżenta regoli dwar l-użu tat-trade mark li għaliha ssir applikazzjoni, b'indikazzjoni tal-kundizzjoni ta' dan l-użu, tal-persuni awtorizzati jużaw din it-trade mark, kif ukoll tal-kundizzjonijiet ta' affiljazzjoni mal-assoċjazzjoni li tkun qiegħda tapplika għar-reġistrazzjoni. Skont l-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 207/2009, dawn ir-regoli dwar l-użu jistgħu, barra minn hekk, jiġu emendati mill-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja kollettiva. Għalhekk, il-kundizzjonijiet ta' affiljazzjoni mal-assoċjazzjoni li hija l-proprjetarja tat-trade mark Komunitarja kollettiva huma wkoll, għat-trade marks li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009, irregolati mir-regoli dwar l-użu tagħha. Huwa minnu li, skont l-Artikolu 67(2) tar-Regolament Nru 207/2009, imsemmi iktar 'il fuq u ċċitat mir-rikorrenti, ir-regoli dwar l-użu ta' trade mark li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 għandhom jawtorizzaw kull persuna li l-prodotti jew servizzi tagħha joriġinaw miż-żona ġeografika kkonċernata ssir membru tal-assoċjazzjoni li hija l-proprjetarja tat-trade mark. Madankollu, ir-Regolament Nru 207/2009 ma jipprekludix assoċjazzjoni proprjetarja ta' trade mark Komunitarja li taqa' taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 milli tkun tista' tipprevedi, fir-regoli dwar l-użu ta' din it-trade mark, li l-entitajiet jew il-persuni li jikkollaboraw ma' entitajiet, li l-prodotti jew servizzi tagħhom joriġinaw miż-żona ġeografika kkonċernata jew li jużaw bħala materja prima l-prodotti tal-assoċjazzjoni proprjetarja tat-trade mark, jistgħu jissieħbu ma' din l-assoċjazzjoni proprjetarja u jużaw din it-trade mark, mingħajr ma jkunu stabbiliti fir-reġjun tal-orijini ġeografika indikata minn din tal-aħħar u mingħajr ma l-prodotti tagħhom joriġinaw direttament miż-żona ġeografika kkonċernata.
- 46 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-funzjoni tat-trade marks Komunitarji kollettivi li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 tikkonsisti fid-distinzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minn tali trade marks skont l-entità proprjetarja u mhux skont l-orijini ġeografika tagħhom.

- 47 L-argument li r-rikorreni tibbaża fuq sentenza tal-Bundesgerichtshof (Qorti tal-Ġustizzja Federali tal-Ġermanja), mogħtija fit-30 ta' Novembru 1995 [Kawża I ZB 32/93; ippubblikata fl-1996, GRUR 270, 271 (MADEIRA)], li kkonstatat li trade mark kollettiva tigarantixxi li l-prodotti li joriġinaw minn impriża li hija stabbilita fiż-żona ta' oriġini ġeografika u li hija awtorizzata tuża t-trade mark kollettiva, għandu jiġi miċħud. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, is-sistema ta' trade marks Komunitarji hija sistema awtonoma, magħmula minn sett ta' regoli u li għandha għanijiet speċifiċi tagħha u li tapplika indipendentement minn kull sistema nazzjonali [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2007, *Trek Bicycle vs UASI – Audi (ALLTREK)*, T-158/05, EU:T:2007:143, punt 63].
- 48 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li la l-Artikolu 7(1)(k) tar-Regolament Nru 207/2009, li jstabbilixxi, taħt kundizzjonijiet, raġuni assoluta għal rifjut ta' reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja meta s-sinjal inkwistjoni jinkludi jew ikun kompost minn indikazzjoni ġeografika protetta skont ir-Regolament Nru 510/2006, issostitwit bir-Regolament Nru 1151/2012, u lanqas l-Artikolu 164 tal-istess regolament li jirreferi, b'riferiment għall-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 510/2006, għar-rabta, minn naħa, bejn it-trade marks li għalihom ġiet ippreżentata applikazzjoni għal reġistrazzjoni, u min-naħa l-oħra, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fis-sens ta' dan l-aħħar regolament, ma huma rilevanti għall-każ ineżami. Fil-fatt, fil-kuntest ta' din il-kawża, ir-rikorreni ma invokax, quddiem l-istanzi tal-UASI, indikazzjoni ġeografika protetta fis-sens tar-Regolament Nru 510/2006, iżda introduċiet proċedura ta' oppożizzjoni bbażata fuq it-trade marks Komunitarji kollettivi ċċitati fil-punt 6 iktar 'il fuq u fuq ir-raġunijiet relattivi għal rifjut imsemmija fil-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 49 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi rrilevat, kif sostnew l-UASI u l-intervenjenti, li, meta, fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, is-sinjali inkwistjoni jkunu, minn naħa, trade marks kollettivi u, min-naħa l-oħra, trade marks individwali, il-paragun tal-prodotti u tas-servizzi koperti għandu jsir skont l-istess kriterji bħal dawk li japplikaw meta jiġu evalwati x-xebh jew l-identikità tal-prodotti jew tas-servizzi koperti miż-żewġ trade marks individwali.
- 50 Għaldaqstant, għandha tiġi kkonfermata l-konklużjoni tal-Bord tal-Appell fil-kawża preżenti, kif esposta fil-punt 38 iktar 'il fuq. Fil-fatt, huwa magħruf li, bħala regola ġenerali, il-ħwejjeġ u t-te la huma prodotti mill-istess impriżi u lanqas huma kkummerċjalizzati bl-istess trade marks. Għalhekk, ma jstax jitqies li manifattur tal-ħwejjeġ jopera wkoll fil-qasam tal-kultivazzjoni jew tal-kummerċjalizzazzjoni tat-te. Fi kliem ieħor, il-pubbliku rilevanti la ser jippreżumi li l-prodotti koperti mis-sinjali inkwistjoni għandhom l-istess oriġini kummerċjali u lanqas li l-istess impriża hija responsabbli għall-manifattura tagħhom [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2014, *Repsol vs UASI – Adell Argiles (ELECTROLINERA)*, T-308/13, EU:T:2014:965, punt 38]. Barra minn hekk, huwa evidenti li l-prodotti inkwistjoni ma humiex komplementari, li huma wisq inqas kompetittivi u li l-kanali ta' distribuzzjoni tagħhom huma differenti.
- 51 Barra minn hekk, fid-dawl ta' dak li ġie espost fil-punti 40 sa 47 iktar 'il fuq, ir-raġunament tar-rikorreni, li l-possibiltà li l-pubbliku jista' jikkunsidra li l-prodotti jew is-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni għandhom l-istess oriġini ġeografika, tista' tikkostitwixxi kriterju li jkun biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti x-xebh jew l-identikità tagħhom għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jiġi miċħud.
- 52 Fil-fatt, kif jikkonferma l-UASI, gamma estremament wiesgħa ta' prodotti u ta' servizzi tista' tiġi prodotta u pprovduta fl-istess żona ġeografika. Bl-istess mod, xejn ma jeskludi li reġjun li l-isem ġeografiku tiegħu huwa rreġistrat bħala trade mark Komunitarja kollettiva, skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009, ikun sors ta' materja prima differenti, li tista' tintuża bħall-finijiet tal-produzzjoni ta' prodotti differenti u varji. Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, interpretazzjoni estensiva tal-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009, bħal dik evokata mir-rikorreni, u kif tinvoka l-intervenjenti, tagħti lit-trade marks kollettivi, irreġistrati b'deroga mill-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, protezzjoni assoluta, indipendentement mill-prodotti koperti mis-sinjali inkwistjoni u, għalhekk, tmur kontra l-kliem stess tal-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi regolament.

53 Dan japplika wkoll għas-servizzi li jaqgħu fil-klassi 35 u dawk li jaqgħu fil-klassi 38. Is-sempliċi possibbiltà li l-konsumatur medju jista' jikkunsidra li s-servizzi inkwistjoni, jiġifieri s-servizzi ta' bejgħ bl-immnut proposti bit-trade mark DARJEELING, huma marbuta ma prodotti li joriġinaw miż-żona ġeografika bl-istess isem jew anki li s-servizzi ta' telekomunikazzjoni pprovduti bl-istess trade mark huma marbuta mal-imsemmija żona ġeografika jew ser joffru informazzjoni dwarha ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit xebh bejn is-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u l-prodott koperti mit-trade marks preċedenti.

54 Barra minn hekk, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq ir-rappreżentazzjoni grafika tal-element verbali "darjeeling", inkluż fit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, u fuq ir-rabta li x-xebh tal-punti fuq l-ittri "j" u "i" ma' weraq tat-te jista' joħloq bejn it-te u l-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-imsemmija punti effettivament jixbhu lil weraq, u b'mod partikolari weraq tat-te, u li huma joħlqu rabta bejn it-te u t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, din ir-rabta ma hijiex biżżejjed sabiex timplika xebh jew identità tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv

55 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti essenzjalment tallega li, waqt l-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-orijini ġeografika, attwali jew potenzjali, tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni.

56 Fid-dawl tal-fatt li r-raġunament tar-rikorrenti, ippreżentat fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv ibbażata fuq ix-xebh tal-prodotti u tas-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, ġie miċħud u li, konsegwentement, waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi pprovduti fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 ma hijiex issodisfatta, għandu jiġi rrilevat qabelxejn li l-Bord tal-Appell għustament eskluda l-applikazzjoni tiegħu.

57 Huwa minnu li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni timplika ċerta interdipendenza bejn il-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni u, b'mod partikolari, bejn ix-xebh tat-trade marks u dak tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minnhom. Għalhekk, livell baxx ta' xebh bejn il-prodotti jew is-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni jista' jiġi kkompensat b'livell għoli ta' xebh bejn it-trade marks, u viċi versa (ara digriet tas-27 ta' April 2006, L'Oréal vs UASI, C-235/05 P, EU:C:2006:271, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-2 ta' Ottubru 2014, Przedsiębiorstwo Handlowe Medox Lepiarz vs UASI, C-91/14 P, EU:C:2014:2261, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Madankollu, filwaqt li l-possibbiltà ta' xebh tas-sinjali inkwistjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni globali, hija ma tistax, waħedha, tikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni bejniethom [ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-29 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, Ġabra, EU:C:1998:442, punt 22, u tas-16 ta' Ottubru 2013, Mundipharma vs UASI – AFT Pharmaceuticals (Maxigesic), T-328/12, EU:T:2013:537, punt 62]. Fil-fatt, ċertu livell ta' xebh tal-prodotti u s-servizzi koperti, anki jekk minimu, għandu jiġi kkonstatat bejn il-prodotti u s-servizzi koperti sabiex ix-xebh kbir bejn is-sinjali inkwistjoni jew, skont il-każ, l-identità tagħhom, ikunu jimplikaw, fid-dawl tal-prinċipju tal-interdipendenza tal-fatturi, probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

59 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li mill-ġurisprudenza jirriżulta li trade mark kollettiva ma tistax tibbenefika minn protezzjoni msaħħa skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, meta jiġi kkonstatat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, li x-xebh tal-prodotti u tas-servizzi ma huwiex biżżejjed sabiex jimplika tali riskju (ara, b'analoġija, rigward

ix-xebh tas-sinjali, is-sentenza F.F.R., punt 36 iktar 'il fuq, EU:T:2012:645, punt 61). Għaldaqstant, anki f'evalwazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks Komunitarji kollettivi u t-trade marks Komunitarji individwali, ix-xebh tas-sinjali inkwistjoni lanqas ma jista', fid-dawl tal-prinċipju tal-interdipendenza tal-kriterji, jikkumpensa n-nuqqas ta' xebh bejn il-prodott kopert mit-trade marks preċedenti u l-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

- 60 Għandu wkoll, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-punti 40 sa 43 iktar 'il fuq, fir-rigward tal-funzjoni essenzjali tat-trade marks kollettivi li jaqgħu taħt l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009, jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li, waqt l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn trade marks Komunitarji kollettivi u trade marks individwali, din il-probabbiltà ta' konfużjoni ma tikkonsistix fil-fatt li l-pubbliku jista' jemmen li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni joriġinaw mill-istess impriża jew, skont il-każ, minn impriżi li huma marbuta ekonomikament, iżda fil-fatt li l-pubbliku jista' jemmen li l-prodotti jew is-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni jew il-materja prima użata għall-manifattura tagħhom jistgħu jkollhom l-istess oriġini ġeografika.
- 61 Barra minn hekk, jekk jitqies li l-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni tista' tikkostitwixxi wieħed mill-fatturi li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni globali tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli, kif ġie enfasizzat iktar 'il fuq, meta, bħal fil-każ inkwistjoni, waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi previsti f'dan l-artikolu ma tkunx issodisfatta.
- 62 Iktar minn hekk, ma jistax jintlaqa' l-argument ibbażat fuq livell allegatament għoli tal-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti. Huwa minnu li, skont ġurisprudenza stabbilita, iktar ma jkun distintiv il-karattru ta' trade mark, iktar tkun għolja l-probabbiltà ta' konfużjoni bejn żewġ sinjali inkwistjoni (sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, SABEL, C-251/95, Ġabra, EU:C:1997:528, punt 24; Canon, punt 58 iktar 'il fuq, EU:C:1998:442, punt 18, u tat-18 ta' Lulju 2013, Specsavers International Healthcare *et*, C-252/12, Ġabra, EU:C:2013:497, punt 36). Madankollu, anki jekk jitqies li, fil-kawża inkwistjoni, it-trade marks preċedenti kisbu karattru distintiv għoli, dan il-fatt ma jistax jikkumpensa n-nuqqas komplet ta' xebh tal-prodotti u servizzi koperti mit-trade marks inkwistjoni.
- 63 Għaldaqstant, hemm lok li l-ewwel motiv jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009

- 64 Permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell ikkunsidra b'mod żbaljat li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma kinux issodisfatti fil-każ inkwistjoni.
- 65 Għandu jifakkar li, skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, "malli ssir opposizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti skont it-tifsira tal-paragrafu 2, it-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni m'għandhiex tiġi reġistrata jekk din tkun identika jew jekk tkun tixbah trade mark preċedenti, u għandha tiġi reġistrata għal prodotti jew servizzi li ma jixbhux lil dawk li għalihom tkun reġistrata it-trade mark preċedenti, meta f'każ ta' trade mark Komunitarja preċedenti t-trade mark għandha reputazzjoni fil-Komunità u, f'każ ta' trade mark nazzjonali preċedenti, it-trade mark għandha reputazzjoni fl-Istat Membru konċernat, u dana meta l-użu mingħajr dritt tat-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni jkun jieħu vantaġġ inġust, jew ikun ta' ħsara għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti".
- 66 Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-funzjoni primarja ta' trade mark hija dik tal-indikazzjoni tal-oriġini tagħha, kull trade mark għandha wkoll valur ekonomiku intrinsiku awtonomu u distint minn dak tal-prodotti jew servizzi li ġiet irreġistrata għalihom. Konsegwentement, l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 jiżgura l-protezzjoni ta' trade mark li għandha reputazzjoni fir-rigward ta' kull

applikazzjoni għal trade mark identika jew li tixxiebah li tista' tippreġudika l-immagħni tagħha, anki jekk il-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma jixbhux lil dawk li għaliha ġiet irreġistrata t-trade mark preċedenti [sentenzi tat-22 ta' Marzu 2007, Sigla vs UASI – Elleni Holding (VIPS), T-215/03, Ġabra, EU:T:2007:93, punt 35, u tat-8 ta' Diċembru 2011, Aktieselskabet af 21. november 2001 vs UASI – Parfums Givenchy (only givenchy), T-586/10, EU:T:2011:722, punt 58].

- 67 Mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-applikazzjoni tagħha hija suġġetta għal tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, l-identiċità jew ix-xebh tat-trade marks inkwistjoni, it-tieni nett, l-eżistenza ta' reputazzjoni tat-trade mark preċedenti invokata insostenn tal-oppożizzjoni u, it-tielet nett, l-eżistenza ta' riskju tal-użu mingħajr raġuni debita tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni li tislet vantaġġ mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jew li tippreġudikahom. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi u n-nuqqas ta' wieħed minnhom huwa biżżejjed sabiex irendi din id-dispożizzjoni inapplikabbli [ara s-sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Volvo Trademark vs UASI – Hebei Aulion Heavy Industries (LOVOL), T-525/11, EU:T:2014:943, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 68 Barra minn hekk, l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 jimplika li t-tliet tipi ta' dannu li jirreferi għalihom, meta jseħħu, huma l-konsegwenza ta' ċertu livell ta' xebh bejn it-trade marks preċedenti u sussegwenti, li minħabba fih il-pubbliku kkonċernat jara konnessjoni bejn dawn it-trade marks, jiġifieri jistabbilixxi rabta bejniethom, minkejja li ma jikkonfondihomx [ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2012, Bimbo vs UASI – Grupo Bimbo (GRUPO BIMBO), T-357/11, EU:T:2012:696, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata]. L-eżistenza ta' tali rabta f'moħħ il-pubbliku rilevanti bejn it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u t-trade mark preċedenti hija, konsegwentement, kundizzjoni implícita essenzjali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 [ara s-sentenzi tal-25 ta' Mejju 2005, Spa Monopole vs UASI – Spa-Finders Travel Arrangements (SPA-FINDERS), T-67/04, Ġabra, EU:T:2005:179, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-11 ta' Diċembru 2014, Coca-Cola vs UASI – Mitico (Master), T-480/12, Ġabra, EU:T:2014:1062, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 69 Huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet preliminari li għandu jiġi eżaminat it-tieni motiv invokat mir-rikorrenti.

Fuq il-pubbliku rilevanti

- 70 Għandu jiġi enfasizzat li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, id-definizzjoni ta' pubbliku rilevanti tikkostitwixxi, bħal fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament, prerekwiżit neċessarju. B'mod iktar speċifiku, huwa fir-rigward ta' dan il-pubbliku li għandhom jiġu evalwati l-eżistenza ta' xebh bejn is-sinjali inkwistjoni, l-eżistenza ta' possibbiltà ta' reputazzjoni tat-trade mark preċedenti u, fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' rabta bejn is-sinjali inkwistjoni.
- 71 Barra minn hekk, għandu jifakkar li l-pubbliku rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' wieħed mid-danni msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ivarja skont it-tip ta' dannu allegat mill-proprjetarju tat-trade mark preċedenti. Għalhekk, il-pubbliku rilevanti li fir-rigward tiegħu għandha ssir l-evalwazzjoni ta' vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti huwa l-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom intalbet it-trade mark sussegwenti (sentenza tat-12 ta' Marzu 2009, Antartica vs UASI, C-320/07 P, EU:C:2009:146, punti 46 sa 48). *A contrario*, fil-każ ta' dannu għall-karattru distintiv jew għar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, il-pubbliku li fir-rigward tiegħu għandha ssir l-evalwazzjoni huwa magħmul mill-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom hija rreġistrata din it-trade mark, normalment informat u raġonevolment attent u prudenti (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, Intel Corporation, C-252/07, Ġabra, EU:C:2008:655, punt 35).

72 Fid-dawl tal-evalwazzjonijiet esposti fir-rigward tad-definizzjoni tal-pubbliku rilevanti fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv tar-rikorrenti u tal-fatt li l-partijiet fil-kawża ma jikkontestawx id-deċizzjoni kkontestata dwar dan il-punt, fil-fehma tiegħi għandu jitqies, minn naħa, fir-rigward tal-prodott kopert mit-trade marks preċedenti, li l-pubbliku rilevanti huwa magħmul mill-pubbliku ġenerali tal-Unjoni, u min-naħa l-oħra, li fir-rigward tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, il-pubbliku rilevanti għall-prodotti fil-klassi 25 huwa wkoll il-pubbliku ġenerali tal-konsumaturi tal-Unjoni, filwaqt li, għas-servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 35 u 38, il-pubbliku rilevanti huwa prinċipalment magħmul minn professjonisti fis-setturi rilevanti.

Fuq ix-xebh tas-sinjali inkwistjoni

73 Fil-każ inkwistjoni, ma huwiex ikkontestat li, kif irrileva għustament il-Bord tal-Appell, is-sinjali inkwistjoni huma identiċi fuq livell fonetiku u simili ħafna fuq livell viżwali. Dan japplika wkoll għall-paragun kunċettwali bejn is-sinjali inkwistjoni. Fil-fatt, l-element verbali “darjeeling”, li huwa komuni għas-sinjali inkwistjoni, jista’ jirreferi kemm għall-varjetà tat-te Darjeeling kif ukoll jindika r-reġjun fl-Indja bl-istess isem.

Fuq ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti

74 Preliminarjament, għandu jifakkar li l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jiddefinixxix il-kunċett ta’ reputazzjoni. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta’ Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92), li l-kontenut leġiżlattiv tagħha huwa essenzjalment identiku għal dak tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, jirriżulta li, sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni dwar ir-reputazzjoni, ma huwiex neċessarju li jintwera li, fil-moħħ tal-pubbliku kkonċernat, teżisti probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade mark preċedenti li tgawdi minn reputazzjoni u t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni (is-sentenza TDK, punt 29 iktar ’il fuq, EU:T:2007:35, punt 48).

75 Huwa minnu li f’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex trade mark titqies li għandha reputazzjoni, ma huwiex neċessarju li tkun magħrufa minn perċentwali speċifiku tal-pubbliku rilevanti (ara s-sentenza TDK, punt 29 iktar ’il fuq, EU:T:2007:35, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta-reputazzjoni ta’ trade mark preċedenti fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti kollha rilevanti tal-kawża, b’mod partikolari, is-sehem tas-suq miżmum mit-trade mark, l-intensità, il-portata ġeografika u t-tul tal-użu tagħha, kif ukoll il-kobor tal-investimenti mwettqa mill-impriżi sabiex tippromwoviha [ara sentenza tas-27 ta’ Settembru 2012, El Corte Inglés vs UASI – Pucci International (Emidio Tucci), T-373/09, EU:T:2012:500, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata].

76 Kif tfakkar fil-punti 33 u 34 iktar ’il fuq, fir-rigward tal-indikazzjonijiet li jistgħu jservu fil-kummerċ, sabiex jindikaw l-oriġini ġeografika tal-prodotti jew tas-servizzi koperti, ladarba jkun rreġistrati bħala trade marks Komunitarji kollettivi skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 u b’deroga mill-Artikolu 7(1)(c) tiegħu, bħal fir-rigward ta’ trade marks Komunitarji kollettivi, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. Konsegwentement, kull evalwazzjoni ta’ trade mark Komunitarja li taqa’ taħt l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 207/2009, inkluż l-evalwazzjoni tar-reputazzjoni fis-sens tal-Artikolu 8(5) tagħha, għandha ssir skont l-istess kriterji bħal dawk li japplikaw għal trade marks individwali.

77 Fil-każ inkwistjoni, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ċaħdet l-oppożizzjoni sa fejn kienet fondata fuq l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, billi qieset li, minkejja li ntweraw użu tat-trade marks preċedenti, id-dokumenti u l-provi prodotti mir-rikorrenti pprovdew ffit informazzjoni dwar il-portata effettiva ta’ dan l-użu u ma kienx hemm biżżejjed indikazzjonijiet dwar il-livell ta’ rikonoxximent li

kienu jibbenefikaw minnu t-trade marks preċedenti mill-pubbliku rilevanti. B'mod iktar speċifiku, id-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni qieset li r-rikorrenti ma kinitx ipprovdiet biżżejjed indikazzjonijiet dwar il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq jew inkella l-portata tal-promozzjoni tat-trade marks preċedenti.

- 78 Min-naħa tiegħu, il-Bord tal-Appell, filwaqt li kkonstata li l-provi prodotti mir-rikorrenti ma kinux jirreferu speċifikament għat-trade marks preċedenti, ikkonkluda li d-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni “kellha tqis li r-reputazzjoni li kienet tgawdi minnha Darjeeling bħala [indikazzjoni ġeografika protetta] għat-te kienet għet trazzmessa lill-istess sinjal protett bħala trade mark kollettiva għal prodotti identiċi, minn tal-inqas fir-rigward tat-trade mark preċedenti”. Sussegwentement, huwa eskkluda r-rilevanza tal-fatt allegat li n-numru ta' prodotti bit-trade mark preċedenti mibjugħa fl-Ewropa ma kienx indikat, filwaqt li kkonstata li t-te Darjeeling kien “mibjugħ fl-[Ewropa], fejn kien igawdi reputazzjoni”. Għal dak li jikkonċerna b'mod speċifiku t-trade mark figurattiva preċedenti, il-Bord tal-Appell sostna li “sa fejn il-provi prodotti [kienu] jirreferu prinċipalment għall-element verbali Darjeeling”, il-fatt li t-trade mark figurattiva preċedenti kienet użata fl-Unjoni “ma [kienx biżżejjed] sabiex jiġi konkluż li hija [kienet] tgawdi minn reputazzjoni”. Fl-aħħar nett, qabel ma ssokta bl-analiżi tiegħu għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell sostna, fil-punt 24 tad-deċiżjoni kkontestata li, “fi kwalunkwe każ, minkejja li r-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti għet ipprovduta, il-kundizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 [ma kinux] issodisfatti”.
- 79 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk it-trade marks preċedenti jibbenefikawx jew le minn reputazzjoni fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, il-kliem tad-deċiżjoni kkontestata huwa, minn tal-inqas, ambigwu. Fil-fatt, l-unika frażi li ma hijiex ambigwa f'dan il-kapitolu tad-deċiżjoni kkontestata hija dik iċċitata fil-punt 78 iktar 'il fuq u li ttieħdet mill-punt 24 tagħha. Minn din il-frażi jirriżulta li l-Bord tal-Appell ma kkonkludix b'mod definittiv li t-trade marks preċedenti kellhom reputazzjoni. Mistoqsi dwar dan il-punt matul is-seduta, l-UASI kkonferma n-nuqqas ta' konklużjoni definittiva f'dan ir-rigward.
- 80 Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-Bord tal-Appell issokta bl-analiżi tiegħu għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jitqies li din l-analiżi kienet ibbażata fuq il-premessa ipotetika li r-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti kienet għet ipprovduta.
- 81 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, filwaqt li tikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni kumulattivi tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, ir-reputazzjoni ta' trade mark jew ta' trade marks preċedenti u, b'mod partikolari, l-intensità tagħha tagħmel parti mill-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm waqt l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' rabta ta' assoċjazzjoni f'moħħ il-pubbliku bejn it-trade marks preċedenti u t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kif ukoll waqt l-evalwazzjoni tar-riskju li jitwettaq wieħed mit-tliet danni msemmija f'din l-istess dispożizzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi Intel Corporation, punt 71 iktar 'il fuq, EU:C:2008:655, punt 42, u Specsavers International Healthcare *et*, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:2013:497, punt 39 u l-ġurisprudenza iċċitata).
- 82 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' reputazzjoni ta' trade mark jew ta' trade marks preċedenti tikkostitwixxi stadju indispensabbli fl-eżaminazzjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009. Konsegwentement, l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu timplika neċessarjament konklużjoni definittiva fir-rigward tal-eżistenza jew le ta' tali reputazzjoni li, fil-prinċipju, teskludi li analiżi dwar il-possibbiltà ta' evalwazzjoni ssir abbażi ta' ipoteżi vaga, jiġifieri, ipoteżi li ma hijiex ibbażata fuq ir-rikonossiment ta' reputazzjoni b'livell speċifiku għoli.
- 83 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, fil-każ inkwistjoni, il-Bord tal-Appell ma fformulax tali ipoteżi vaga. Fil-fatt, mill-kliem tal-punt 24 tad-deċiżjoni kkontestata, iċċitat fil-punt 78 iktar 'il fuq, jirriżulta direttament li l-Bord tal-Appell ibbaża ruħu fuq il-premessa ipotetika li t-trade marks preċedenti

kienu jibbenefikaw minn reputazzjoni ta' livell speċifiku ta' intensità, jiġifieri l-intensità li tikkorrispondi ma' dik li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni tipprova quddiem id-dipartimenti kompetenti tal-UASI.

- 84 Quddiem dawn id-dipartimenti, ir-rikorrenti kellha l-intenzjoni tipprova reputazzjoni b'livell eċċezzjonalment għoli ta' intensità. Għandu jiġi nnotat, f'dan ir-rigward, li fl-osservazzjonijiet magħmula insostenn tal-oppożizzjoni tagħha, ir-rikorrenti sostniet, billi pproduċiet diversi provi, li t-te Darjeeling kien jitqies li huwa x-“xampanja tat-te” u li “DARJEELING [kien jibbenefika] sa minn iktar minn 150 sena minn reputazzjoni eċċezzjonali bħala te tal-aħjar kwalità”.
- 85 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-Bord tal-Appell ibbaża ruħu, għall-finijiet tat-tkomplija tal-analiżi tiegħu, fuq il-premessa ipotetika li t-trade marks preċedenti kienu jibbenefikaw minn reputazzjoni fit-territorju tal-Unjoni u li, barra minn hekk, kienet reputazzjoni li l-intensità tagħha kellha livell eċċezzjonalment għoli.
- 86 Il-Qorti Ġenerali għandha wkoll teżamina l-evalwazzjonijiet li saru abbażi ta' din il-premessa ipotetika mill-Bord tal-Appell għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, jiġifieri, minn naħa, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' rabta f'moħħ il-pubbliku rilevanti bejn is-sinjali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' wieħed mit-tliet riskji msemmija fl-imsemmi artikolu.

Fuq l-eżistenza ta' rabta f'moħħ il-pubbliku

- 87 Skont il-ġurisprudenza, l-eżistenza ta' rabta bejn it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u t-trade mark preċedenti għandha tiġi evalwata globalment, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti fil-każ inkwistjoni, fosthom il-livell ta' xebh bejn it-trade marks inkwistjoni, in-natura tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mit-trade marks inkwistjoni, inkluż il-livell ta' xebh jew in-nuqqas ta' xebh bejn dawn il-prodotti jew servizzi, u l-pubbliku rilevanti, l-intensità tar-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, il-livell ta' karattru distintiv, intrinsiku jew miksub permezz tal-użu, tat-trade mark preċedenti u l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku [digriet tat-30 ta' April 2009, Japan Tobacco vs UASI, C-136/08 P, EU:C:2009:282, punt 26; sentenzi Intel Corporation, punt 71 iktar 'il fuq, EU:C:2008:655, punt 42, u tas-6 ta' Lulju 2012, Jackson International vs UASI – Royal Shakespeare (ROYAL SHAKESPEARE), T-60/10, EU:T:2012:348, punt 21].
- 88 Fin-nuqqas tal-eżistenza ta' tali rabta ta' assoċjazzjoni f'moħħ il-pubbliku, l-użu tat-trade mark sussegwenti ma jistax jikseb vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, jew jippreġudikahom (ara d-digriet Japan Tobacco vs UASI, punt 87 iktar 'il fuq, EU:C:2009:282, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 89 Fil-każ inkwistjoni, minkejja li huwa stabbilit fid-deċiżjoni kkontestata li t-tliet danni msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 “huma l-konsegwenza ta' ċertu livell ta' xebh bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark sussegwenti, li permezz tiegħu l-pubbliku kkonċernat jagħmel konnessjoni bejn dawn iż-żewġ trade marks, jiġifieri jistabbilixxi rabta bejniethom”, ebda analiżi speċifika ma tirrigwarda l-eżistenza ta' tali rabta.
- 90 L-UASI jsostni, fir-risposta tiegħu, li l-Bord tal-Appell impliċitament ċaħad l-eżistenza ta' tali rabta. F'dan ir-rigward, huwa jevoka l-punti 29 u 36 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dawn il-punti, il-Bord tal-Appell kkunsidra, minn naħa, li fid-dawl tad-differenzi kbar ikkonstatati bejn il-prodotti u servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, il-konsumaturi ma jippretendu li jkun hemm ebda rabta bejn il-produtturi tat-te u l-kumpannija tal-intervenjenti u min-naħa l-oħra, li, minħabba li l-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienu, minn perspettiva kummerċjali, kompletament distinti mill-prodotti tar-rikorrenti, “ma kienx probabbli li l-pubbliku rilevanti jistabbilixxi konnessjoni mentali” bejn it-trade marks.

- 91 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 88 iktar 'il fuq, li kieku l-Bord tal-Appell kien effettivament ikkonkluda li ma setgħetx tiġi stabbilita rabta bejn is-sinjali inkwistjoni, din il-konklużjoni kienet tkun suffiċjenti sabiex teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009. Madankollu, il-Bord tal-Appell issokta bl-analiżi tiegħu sabiex jevalwa l-eżistenza ta' wieħed mit-tliet riskji msemmija f'dan l-artikolu.
- 92 Għaldaqstant, fid-dawl tal-ambigwiżà rrilevata fid-deċiżjoni kkontestata f'dan ir-rigward u l-fatt li l-Bord tal-Appell madankollu ssokta bl-analiżi tiegħu, għandu jitqies li, fir-rigward tal-eżistenza jew le ta' rabta fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, huwa adotta l-istess approċċ kif kien għamel fl-evalwazzjoni tal-eżistenza jew le tal-possibbiltà ta' reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, jiġifieri li huwa ssokta bl-analiżi tiegħu mingħajr ma wasal għal ebda konklużjoni definittiva rigward l-eżistenza jew le ta' rabta bejn is-sinjali inkwistjoni, iżda abbażi ta' premessa ipotetika li tali rabta setgħet tiġi stabbilita.
- 93 Qabel l-eżaminazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-aħħar kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, jiġifieri l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' wieħed mit-tliet riskji msemmija f'din id-dispożizzjoni, huwa neċessarju li jsir sommarju ta' dak li ntqal, billi jtfakkar li l-Bord tal-Appell issokta l-analiżi tiegħu għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni billi bbaża ruħu fuq żewġ premessi ipotetiċi: l-ewwel nett, fuq il-fatt li t-trade marks preċedenti kienu jibbenefikaw minn reputazzjoni li l-intensità tagħha kienet dik li r-rikorrenti ddeskrivtilhom, jiġifieri eċċezzjonali, u t-tieni nett, li kien possibbli l-pubbliku rilevanti jistabbilixxi rabta bejn is-sinjali inkwistjoni.

Fuq ir-riskji msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009

- 94 Preliminarjament, għandu jtfakkar li l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 jirreferi għal tliet tipi ta' riskji distinti, jiġifieri li l-użu indebitu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, l-ewwel nett, jikkawża dannu lill-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti, it-tieni nett, jikkawża dannu lir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jew, it-tielet nett, jikseb vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti. Fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, huwa biżżejjed li jkun hemm wieħed minn dawn ir-riskji msemmija iktar 'il fuq sabiex tapplika din id-dispożizzjoni (sentenza VIPS, punt 66 iktar 'il fuq, EU:T:2007:93, punt 36).
- 95 Kif tfakkar fil-punt 71 iktar 'il fuq, l-eżistenza ta' riskju li l-ħsara kkawżata mid-dannu lill-karattru distintiv jew lir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti titwettaq għandha tiġi evalwata fir-rigward tal-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata, li jkun normalment informat u raġonevolment attent u prudenti. Min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' ħsara li tikkonsisti f'vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, sa fejn dak li huwa prekluż huwa l-vantaġġ miksub minn din it-trade mark mill-proprjetarju tat-trade mark sussegwenti, għandha tiġi evalwata billi jsir riferiment għall-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti, li jkun normalment informat u raġonevolment attent u prudenti.
- 96 Barra minn hekk, minkejja li l-eżistenza ta' rabta f'moħħ il-pubbliku bejn is-sinjali inkwistjoni tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, din ma hijiex biżżejjed, fiha nfisha, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' wieħed mit-tliet riskji msemmija f'din id-dispożizzjoni (ara s-sentenza ROYAL SHAKESPEARE, punt 87 iktar 'il fuq, EU:T:2012:348, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, l-eżistenza ta' rabta bejn it-trade marks inkwistjoni ma tilliberax lill-proprjetarju tat-trade mark preċedenti milli jipproduċi prova ta' ħsara effettiva u attwali għat-trade mark tiegħu fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 jew ta' riskju serju li tali ħsara ser isseħħ fil-futur (ara, b'analoġija, is-sentenza Intel Corporation, punt 71 iktar 'il fuq, EU:C:2008:655, punt 71).

97 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-għan tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma huwiex li tiġi prekluzja r-reġistrazzjoni ta' kull trade mark identika għal trade mark magħrufa jew li tixbaha. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa, b'mod partikolari, li jippermetti lill-proprjetarju ta' trade mark nazżjonali jew Komunitarja magħrufa jopponi r-reġistrazzjoni ta' trade marks li jistgħu jippreġudikaw ir-reputazzjoni jew il-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti jew jiksbu vantaġġ indebitu minn din ir-reputazzjoni jew minn dan il-karattru distintiv. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li l-proprjetarju tat-trade mark preċedenti ma huwiex obligat jipproduċi prova tal-eżistenza ta' ħsara effettiva u attwali għat-trade mark tiegħu. Madankollu, huwa għandu jipproduċi provi, li abbażi tagħhom, ikun jista' jiġi konkluż li jeżisti *prima facie* riskju futur, li ma huwiex ipotetiku, ta' vantaġġ indebitu jew ta' dannu (ara s-sentenza VIPS, punt 66 iktar 'il fuq, EU:T:2007:93, punt 46, u l-ġurisprudenza ċċitata). Tali konklużjoni tista' tiġi stabbilita b'mod partikolari abbażi ta' deduzzjonijiet loġiċi li jirriżultaw minn analiżi tal-probabbiltajiet u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prattiki abitwali fis-settur kummerċjali rilevanti kif ukoll iċ-ċirkustanzi l-oħra tal-każ inkwistjoni [sentenzi tal-10 ta' Mejju 2012, Rubinstein u L'Oréal vs UASI, C-100/11 P, Ġabra, EU:C:2012:285, punt 95, u tad-9 ta' April 2014, EI du Pont de Nemours vs UASI – Zueco Ruiz (ZYTEL), T-288/12, EU:T:2014:196, punt 59].

98 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk il-Bord tal-Appell ikkonkludix b'mod ġust li ebda wieħed mit-tliet riskji msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma seta' jiġi stabbilit fil-każ inkwistjoni.

– Fuq id-dannu kkawżat lill-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti

99 Id-dannu kkawżat lill-karattru distintiv ta' trade mark, li huwa ddenominat ukoll bil-kliem “taħlit”, “tnaqqir” jew “tiċpis”, jitwettaq meta tiddgħajjed il-kapaċità ta' din it-trade mark li tidentifika l-prodotti jew is-servizzi li għalihom hija rreġistrata, peress li l-użu ta' sinjal identiku jew simili minn terz iwassal għall-frammentazzjoni tal-identità tat-trade mark u tal-influenza tagħha f'moħħ il-pubbliku. Dan huwa partikolarment il-każ meta t-trade mark, li kienet tqanqal assoċjazzjoni immedjata mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom hija rreġistrata, ma tkunx iktar f'pożizzjoni li tagħmel dan (ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009, L'Oréal et, C-487/07, Ġabra, EU:C:2009:378, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100 Skont il-ġurisprudenza, il-prova li l-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jikkawża dannu jew jista' jikkawża dannu lill-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti tippresupponi li tintwera bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom it-trade mark preċedenti hija rreġistrata dovuta għall-użu tat-trade mark sussegwenti jew li jintwera riskju serju li bidla bħal din ser isseħħ fil-futur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, Environmental Manufacturing vs UASI, C-383/12 P, Ġabra, EU:C:2013:741, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

101 Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' “bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju tal-prodotti li għalihom it-trade mark preċedenti hija rreġistrata” jistabbilixxi kundizzjoni ta' natura oġġettiva. Din il-bidla ma tistax tiġi dedotta biss minn elementi suġġettivi bħas-sempliċi perċezzjoni tal-konsumaturi. Il-fatt biss li dawn tal-aħħar jirrimarkaw il-preżenza ta' sinjal ġdid li jixbah lis-sinjal preċedenti ma huwiex fih innifsu biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dannu jew ta' riskju ta' dannu lill-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (sentenza Environmental Manufacturing vs UASI, punt 100 iktar 'il fuq, EU:C:2013:741, punt 37).

102 Ir-Regolament Nru 207/2009 u l-ġurisprudenza ma jeżiġux li l-proprjetarju tat-trade mark preċedenti jipproduċi prova ta' dannu attwali, iżda jammettu wkoll ir-riskju serju ta' tali dannu, u jawtorizzaw l-użu ta' deduzzjonijiet loġiċi (sentenza Environmental Manufacturing vs UASI, punt 100 iktar 'il fuq, EU:C:2013:741, punt 42). Madankollu, tali deduzzjonijiet ma għandhomx jirriżultaw minn sempliċi suppożizzjonijiet, iżda għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tal-probabbiltajiet li tiegħu inkunsiderazzjoni

l-prassi abitwali fis-settur kummerċjali rilevanti, kif ukoll iċ-ċirkustanzi l-oħra kollha tal-każ inkwistjoni (sentenza *Environmental Manufacturing vs UASI*, punt 100 iktar 'il fuq, EU:C:2013:741, punt 43). Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, billi sar riferiment għall-kunċett imsemmi iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat kjarament in-neċessità li teżiġi livell ta' prova oġhla sabiex tikkonstata d-dannu jew ir-riskju ta' dannu lill-karattru distintiv tat-trade mark preċedenti, fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq (sentenza *Environmental Manufacturing vs UASI*, punt 100 iktar 'il fuq, EU:C:2013:741, punt 40).

- 103 Fil-kawża inkwistjoni, il-Bord tal-Appell eskluda r-riskju ta' dannu lill-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti, billi ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prodotti u servizzi koperti mit-trade li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienu kompletament distinti mill-prodotti koperti mit-trade marks preċedenti u billi sostna li r-riskju invokat mir-rikorrenti deher li huwa kompletament ipotetiku. Barra minn hekk, huwa rrileva li peress li t-terminu “darjeeling” kien isem ġeografiku, il-pubbliku rilevanti ma jkunx sorpriż jekk dan ikun jista' jintuża fi swieq settorjali differenti minn impriżi differenti, minkejja li huwa indikazzjoni ġeografika protetta għat-te.
- 104 Ir-rikorrenti tinvoka l-ġurisprudenza *Environmental Manufacturing*, punt 100 iktar 'il fuq (EU:C:2013:741), u tikkunsidra li minn tal-inqas hemm riskju serju li, fil-futur, isseħħ bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju. F'dan ir-rigward, hija tallega li, sa fejn il-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma jkunux joriġinaw mir-reġjun ta' Darjeeling (l-Indja), il-konsumatur medju jkun prudenti mhux biss fir-rigward tal-orijini tagħhom, iżda wkoll fir-rigward tal-orijini tat-te li huwa propost lilu bħala te Darjeeling. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, l-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni mill-intervenjenti tikkomprometti b'mod serju r-reputazzjoni u l-partikolarità tal-indikazzjoni ġeografika “Darjeeling”, kif ukoll il-kapaċità tagħha li tissodisfa l-funzjoni essenzjali tagħha, jiġifieri li tiggarantixxi lill-konsumatur l-orijini ġeografika tal-prodotti tat-te li huma proposti lilu bit-trade marks Komunitarji kollettivi.
- 105 L-UASI u l-intervenjenti jikkontestaw ir-raġunament tar-rikorrenti.
- 106 Għandu jiġi kkonstatat, kif sostnew l-intervenjenti u l-UASI, li r-raġunament tar-rikorrenti ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit riskju serju ta' dannu lill-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti fis-sens tal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jeżiġi, kif jirriżulta mill-punt 102 iktar 'il fuq, livell ta' prova oġhla sabiex jiġi kkonstatat tali riskju. B'mod iktar speċifiku, ebda wieħed mill-argumenti invokati mir-rikorrenti ma jippermetti li jiġi stabbilit riskju serju ta' bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju, fid-dawl tal-prassi abitwali fis-setturi ekonomiċi rilevanti fil-kawża inkwistjoni.
- 107 Fil-fatt, kif jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata u peress li hemm nuqqas sħiħ ta' xebh bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, ir-riskju invokat mir-rikorrenti jidher li huwa kompletament ipotetiku.
- 108 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li r-reġistrazzjoni ta' trade marks preċedenti bħala trade marks kollettivi ma tistax tikkostitwixxi preżunzjoni tal-eżistenza ta' karattru distintiv medju (digriet tal-21 ta' Marzu 2013, *Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs UASI*, C-393/12 P, EU:C:2013:207, punt 36, u s-sentenza *HELLIM*, punt 42 iktar 'il quddiem, EU:T:2012:292, punt 52).
- 109 Fil-fatt, kif ġie rrilevat fid-deċiżjoni kkontestata, l-element verbali “darjeeling”, li jikkostitwixxi t-trade mark verbali preċedenti u li huwa inkluż fit-trade mark figurattiva preċedenti, huwa isem ġeografiku. Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk, bħala konsegwenza, l-imsemmi element verbali għandux karattru distintiv partikolari (ara, b'analoġija, id-digriet *Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs UASI*, punt 108 iktar 'il fuq, EU:C:2013:207, punt 33), għandu jifakkar li t-tieni sentenza tal-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 tipprovdi li trade mark kollettiva rreġistrata skont dan tal-aħħar, ma tawtorizzax il-proprjetarju

jipprekludi lil terz milli juża dawn is-sinjali jew indikazzjonijiet fil-kummerċ, sa fejn dan l-użu jsir skont l-użanzi ġenwini fil-qasam industrijali jew kummerċjali u li, b'mod partikolari, tali trade mark ma tistax tiġi invokata kontra terz awtorizzat juża denominazzjoni ġeografika.

110 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li, fin-nuqqas ta' provi li jistgħu jistabbilixxu riskju serju ta' bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju, ir-riskju ta' ħsara għall-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti ma jistax jiġi stabbilit biss abbażi tax-xebh bejn is-sinjali inkwistjoni, speċjalment peress li, fil-każ inkwistjoni, ma huwiex eskluż li l-element verbali "darjeeling", li jikkostitwixxi t-trade mark verbali preċedenti, jista' jintuża għal trade marks oħra minbarra għal dawn, kif jirriżulta mit-tieni sentenza tal-Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 207/2009 [ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2008, Japan Tobacco vs UASI – Torrefacção Camelo (CAMELO), T-128/06, EU:T:2008:22, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata]. Għaldaqstant, huwa b'mod ġust li l-Bord tal-Appell ikkunsidra li l-pubbliku rilevanti ma jkunx sorpriż li l-element verbali "darjeeling" jista' jintuża fi swieq settorjali differenti minn impriżi differenti u, għalhekk, eskluda l-eżistenza ta' riskju ta' dannu lill-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti. Dwar dan il-punt, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li l-konsumatur medju qatt ma kien ikkonfrontat bil-possibbiltà li prodott jew servizz propost lilu bit-trade mark DARJEELING ma jkollu ebda' rabta ma' Darjeeling, għandu jiġi miċħud, sa fejn ma ġiet prodotta ebda prova li ssostni din l-allegazzjoni.

111 Barra minn hekk, kif jenfasizza l-UASI, bejn l-isem ġeografiku "Darjeeling" u t-te Darjeeling, hemm rabta unika, li ma teżistix bejn l-imsemmija denominazzjoni u l-prodotti u servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma tipproduċi ebda prova li tista' tistabbilixxi li, f'moħħ il-klassi ta' persuni rilevanti, l-isem ġeografiku inkwistjoni huwa attwalment assoċjat mal-prodotti jew mas-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew li l-imsemmi isem jista' jintuża mill-impriżi kkonċernati bħala indikazzjoni tal-orijini ġeografika tagħhom [ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 1999, Windsurfing Chiemsee, C-108/97 u C-109/97, Ġabra, EU:C:1999:230, punt 1 tad-dispożittiv; il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fil-kawża magħquda Windsurfing Chiemsee, C-108/97 u C-109/97, Ġabra, EU:C:1998:198, punti 36 u 46, u s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2003, Nordmilch vs UASI (OLDENBURGER), T-295/01, Ġabra, EU:T:2003:267, punt 33]. F'dan ir-rigward, l-argument invokat mir-rikorrenti, li l-Indja huwa pajjiż fejn jiġu mmanifatturati ħwejjeġ, ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex tiġi stabbilita rabta speċifika. Għaldaqstant, huwa ftit probabbli li l-pubbliku rilevanti jista' jasal jemmen li l-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni joriġinaw mir-reġjun ta' Darjeeling u, inqas u inqas, li jiddubita, billi jikkonstata li dan ma huwiex il-każ, mill-orijini tal-prodotti koperti mit-trade marks preċedenti, li, skont ir-rikorrenti, ikun jimplika bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 100 iktar 'il fuq.

112 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li, kif issostni r-rikorrenti, it-trade mark preċedenti għandha karattru distintiv qawwi bħala konsegwenza tar-reputazzjoni allegatament eċċezzjonali tagħha, li hija l-premessa ipotetika li, barra minn hekk, abbażi tagħha hija fondata d-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 83 iktar 'il fuq), ir-rikorrenti ma tipproduċi ebda prova li tippermetti li jiġi stabbilit riskju serju tal-bidla fl-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 100 iktar 'il fuq.

113 Għaldaqstant, għandha tiġi kkonfermata l-konklużjoni tal-Bord tal-Appell dwar in-nuqqas ta' riskju ta' dannu lill-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti.

– Fuq id-dannu kkawżat lir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti

114 Id-dannu kkawżat lir-reputazzjoni ta' trade mark, li huwa ddenominat ukoll bit-termini "titbigħ" jew "degradazzjoni", iseħħ meta l-prodotti jew is-servizzi li għalihom is-sinjali identiku jew simili jintuża minn terz jistgħu jiġu pperċepiti mill-pubbliku b'mod li s-saħħa ta' attrazzjoni tat-trade mark tonqos.

- Ir-riskju ta' tali dannu jista' jirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li l-prodotti u s-servizzi offruti minn terz ikollhom karatteristika jew kwalità li tista' terżerċità influwenza negattiva fuq l-immaġni tat-trade mark (sentenza L'Oréal *et*, punt 99 iktar 'il fuq, EU:C:2009:378, punt 40).
- 115 F'din il-kawża, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li r-rikorrenti ma kienet ippreżentat ebda argument dwar id-dannu li jista' possibbilment isir lir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti u li l-immaġni li ġeneralment jagħtu l-ħwejjeġ u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni ma kinitx negattiva.
- 116 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tillimita ruħha li tinvoka allegat "parassitiżmu" tal-intervenjenti li jista' jikkomprometti s-saħħa ta' attrazzjoni tat-trade mark preċedenti bħala indikazzjoni ġeografika, peress li din ma tkunx tista' iktar iservi ta' indikazzjoni ġeografika unika għat-te jekk prodotti u servizzi oħra għajr it-te jiġu offerti bl-istess trade mark. Barra minn hekk, hija tirreferi għar-rappreżentazzjoni grafika tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni u, b'mod iktar speċifiku, għall-punti fil-forma ta' weraq tat-te fuq l-ittri "i" u "j".
- 117 L-UASI u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.
- 118 Għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tinvoka ebda argument speċifiku intiż li jistabilixxi riskju serju li l-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni jista' jikkawża dannu għar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 114 iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward, hija ma semmietx il-karatteristiċi jew il-kwalitajiet tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni li jistgħu jeżerċitaw influwenza negattiva fuq l-immaġni tat-trade marks preċedenti.
- 119 Barra minn hekk, kif irrileva l-Bord tal-Appell, ebda prova oħra fil-fajl ma tippermetti li jiġi stabbilit li l-immaġni ġeneralment mogħtija mill-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni hija negattiva. Kif enfasizza l-UASI fir-risposta tiegħu, lanqas hemm antagoniżmu bejn in-natura u l-metodi ta' użu tat-te u tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni li jkun tali li l-immaġni tat-trade marks preċedenti tista' tiġi affettwata mill-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CAMELO, punt 110 iktar 'il fuq, EU:T:2008:22, punt 62).
- 120 Barra minn hekk, fid-dawl ta' dak li ntqal fil-punt 111 iktar 'il fuq, ir-rabta unika bejn ir-reġjun ġeografiku ta' Darjeeling u l-kategorija tal-prodotti koperti mit-trade marks preċedenti u n-nuqqas ta' tali rabta bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni u l-imsemmi reġjun isaħħu n-natura ipotetika ta' riskju ta' tnaqqis ta' saħħa ta' attrazzjoni tat-trade marks preċedenti.
- 121 Dawn il-konstatazzjonijiet ma humiex ikkonfutati mill-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-rappreżentazzjoni grafika tal-ittri "j" u "i" fit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni. Anki jekk jitqies li l-punti li jinsabu fl-imsemmija ittri effettivament jixbhu lil weraq u, b'mod partikolari, lil weraq tat-te u li tista' tiġi stabbilita rabta bejn is-sinjali inkwistjoni f'moħħ il-pubbliku, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 96 iktar 'il fuq, din ir-rabta tkun biżżejjed, fiha nfisha, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' wieħed mir-riskji msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 122 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Bord tal-Appell kien korrett meta qies li ma kienx hemm riskju li l-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġstrazzjoni jippreġudika r-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, anki jekk jitqies li din ir-reputazzjoni, bil-premessa ipotetika li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, hija eċċezzjonali.

– Fuq il-vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti

- 123 Il-kunċett ta' "vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark", iddenominat ukoll bit-termini "parassitiżmu" u "free-riding", ma huwiex marbut mad-dannu subit mit-trade mark, iżda mal-vantaġġ miksub minn terzi mill-użu ta' sinjal identiku jew simili. Dan jinkludi, b'mod partikolari, il-każ fejn, minħabba trasferiment tal-immagna tat-trade mark jew tal-karatteristiċi tagħha lejn prodotti koperti mis-sinjal identiku jew simili, ikun hemm użu manifest minn fuq dahar trade mark li għandha reputazzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza L'Oréal *et*, punt 99 iktar 'il fuq, EU:C:2009:378, punt 41). In-natura indebita tal-vantaġġ miksub minn tali ċirkustanzi tirriżulta mill-użu, mingħajr ebda kumpens finanzjarju u mingħajr ebda sforzi personali f'dan ir-rigward, tal-isforz kummerċjali tal-proprjetarju tat-trade mark preċedenti sabiex joħloq u jżomm l-immagna ta' din it-trade mark (ara s-sentenza ROYAL SHAKESPEARE, punt 87 iktar 'il fuq, EU:T:2012:348, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 124 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq u għad-differenza tal-probabbiltà ta' konfużjoni msemmija fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, ir-riskju li l-użu indebitu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jippermetti li jinkiseb vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti jissokta meta l-konsumatur, mingħajr ma neċessarjament jikkonfondi l-orijini tal-prodotti jew tas-servizzi koperti mit-trade marks inkwistjoni, huwa partikolarment attrirat mill-prodotti jew mis-servizzi tal-persuna li tapplika għal reġistrazzjoni, sempliċement peress li huma koperti minn trade mark identika jew li tixxiebah mat-trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni. Dan jeżiġi l-prova ta' assoċjazzjoni tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni mal-kwalitajiet pożittivi tat-trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah, li jistgħu jagħtu lok għal sfruttament jew parassitiżmu manifesti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni (ara s-sentenza CAMELO, punt 110 iktar 'il fuq, EU:T:2008:22, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 125 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu tas-sinjal ikkontestat jiħux vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti, għandha ssir evalwazzjoni globali li tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, li fosthom hemm, b'mod partikolari, l-intensità tar-reputazzjoni u l-livell tal-karattru distintiv tat-trade mark, il-livell ta' xebh bejn it-trade marks inkwistjoni kif ukoll in-natura u l-livell ta' qrubija tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati. Fir-rigward tal-intensità tar-reputazzjoni u tal-livell tal-karattru distintiv tat-trade mark, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, iktar ma jkunu qawwjin il-karattru distintiv u r-reputazzjoni ta' din it-trade mark, iktar ikun faċli li tiġi ammessa l-eżistenza ta' ħsara (ara, b'analoġija, is-sentenza Specsavers International Healthcare *et*, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:2013:497, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata). Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, iktar ma tiġi evokata immedjatament u b'qawwa t-trade mark permezz tas-sinjal, ikbar ikun ir-riskju li l-użu attwali jew futur tas-sinjal jieħu vantaġġ indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark (ara s-sentenzi GRUPO BIMBO, punt 68 iktar 'il fuq, EU:T:2012:696, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata, u ROYAL SHAKESPEARE, punt 87 iktar 'il fuq, EU:T:2012:348, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 126 Fil-kawża inkwistjoni, il-Bord tal-Appell eskluda r-riskju ta' vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Huwa kkunsidra li, fid-dawl tan-nuqqas sħiħ ta' xebh bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, il-konsumaturi ma jippretendu li jkun hemm ebda rabta bejn il-produtturi tat-te u l-kumpannija tal-intervenjenti, li tipproponi ħwejjeġ u servizzi konnessi. Huwa kkonkluda li r-rikorrenti ma kinitx ipprovat kif ikun vantaġġu għal trade mark ta' ħwejjeġ li tkun assoċjata ma' trade mark magħrufa għat-te ta' kwalità għolja tagħha, sa fejn, fis-settur tal-ħwejjeġ, l-immagna ta' lussu tiddependi minn kundizzjonijiet u fatturi differenti minn dawk tas-settur tat-te. Fl-aħħar nett, huwa sostna li dan kien japplika wkoll għas-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassijiet 35 u 38 li, skont id-deċiżjoni kkontestata, ma kinux speċifikament proposti b'rabta ma' ħwejjeġ.

- 127 Ir-rikorrenti tirreferi għat-trasferiment tal-immagħni mogħtija mill-indikazzjoni ġeografika Darjeeling lejn l-interessi kummerċjali personali tal-intervenjenti, li ser tibbenefika mis-saħħa ta' attrazzjoni tagħha u tat-trade marks kollettivi preċedenti, tar-reputazzjoni tagħhom u tal-preġju tagħhom, kif ukoll tal-immagħni radjanti pprojetta mit-trade mark DARJEELING.
- 128 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li xejn ma jiġġustifika l-użu mill-intervenjenti tal-indikazzjoni ġeografika "Darjeeling" għal prodotti u servizzi li ma joriġinawx mir-reġjun ta' Darjeeling u li ma għandhom ebda rabta mal-imsemmi reġjun. Fl-aħħar nett, hija tikkunsidra li l-unika raġuni li wasslet lil kumpanija Franċiża, bħall-intervenjenti, tagħżel isem Indjan bħal Darjeeling, kienet li dan l-isem huwa magħruf u li għandu reputazzjoni fl-Unjoni.
- 129 L-UASI jallega li r-rikorrenti ma tistax tipprova li hemm riskju ta' vantaġġ indebitu bħala konsegwenza awtomatika tal-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, fid-dawl tar-reputazzjoni tas-sinjali preċedenti u tax-xebh kbir bejniethom. L-UASI jsostni li r-rikorrenti la invokat argumenti ta' natura li jispjegaw kif l-immagħni tat-trade mark preċedenti tista' tiġi ttrasferita lit-trade mark ikkontestata u lanqas identifikat il-kwalitajiet pożittivi speċifiċi assoċjati ma' din it-trade mark.
- 130 Barra minn hekk, l-UASI jsostni li dan it-trasferiment tal-immagħni ma huwiex prevedibbli fil-każ inkwistjoni, sa fejn, minħabba differenzi kbar li jeżistu bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, il-konsumaturi ma jippretendu li jkun hemm ebda rabta bejn il-produtturi tat-te u l-intervenjenti, filwaqt li l-lussu jitqies li huwa distint miż-żewġ setturi kkonċernati, jiġifieri s-settur tal-ħwejjeġ u dak tat-te.
- 131 Fl-aħħar nett, l-UASI jikkunsidra li l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegata intenzjoni tal-intervenjenti li tisfrutta r-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti ma jipprova xejn, sa fejn l-użu mill-intervenjenti tal-element verbali "darjeeling", li jikkostitwixxi isem ġeografiku, huwa fil-prinċipju leġittimu.
- 132 Min-naħa tagħha, l-intervenjenti essenzjalment issostni li huwa b'mod ġust li l-Bord tal-Appell ibbaża r-raġunament tiegħu dwar in-nuqqas ta' riskju serju ta' vantaġġ indebitu miksub mir-reputazzjoni jew mill-karattru distintiv tat-trade mark jew tat-trade marks preċedenti fuq id-differenzi kbar li hemm bejn il-prodotti u s-servizzi koperti fil-każ inkwistjoni u li ebda waħda mill-kundizzjonijiet fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma hija ssodisfatta.
- 133 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, kif tfakkar fil-punt 123 iktar 'il fuq, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-kunċett ta' "vantaġġ indebitament miksub" jinkludi b'mod partikolari l-każijiet fejn, permezz ta' trasferiment tal-immagħni tat-trade mark preċedenti jew tal-karatteristiċi li hija tipprojetta lejn il-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, hemm sfruttament manifest tat-trade mark li għandha reputazzjoni.
- 134 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, huwa possibbli, b'mod partikolari fil-każ ta' oppożizzjoni bbażata fuq trade mark li tibbenefika minn reputazzjoni eċċezjonalment għolja, li l-probabbiltà ta' riskju futur mhux ipotetiku ta' vantaġġ indebitu miksub mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, tkun tant evidenti li l-parti opponenti ma jkollhiex bżonn tinvoka u tipprova ebda element fattwali ieħor għal dan il-għan. Għaldaqstant, ma huwiex eskluż li reputazzjoni partikolarment għolja tista' tikkostitwixxi, eċċezjonalment, fiha nfisha, indikazzjoni tar-riskju futur mhux ipotetiku tal-vantaġġ indebitu miksub mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala tali fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti u servizzi li ma jixbhux lil dawk li għalihom hija rreġistrata t-trade mark preċedenti (ara s-sentenza GRUPO BIMBO, punt 68 iktar 'il fuq, EU:T:2012:696, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 135 Fil-kawża inkwistjoni, ir-rikorrenti llimitat ruħha li tinvoka r-rabta immedjata li l-pubbliku jistabbilixxi bejn is-sinjali inkwistjoni, minħabba r-reputazzjoni tat-te Darjeeling, kif riflessa, fil-fehma tagħha, fit-trade mark, jew minn tal-inqas fit-trade mark verbali.
- 136 Għandu jiġi kkonstatat li l-karatteristiċi abitwalment assoċjati ma' trade mark magħrufa tat-te ma jistgħux jitqiesu, fihom infushom, li jagħtu vantaġġ lil trade mark li biha huma kkummerċjalizzati prodotti u servizzi bħal dawk koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, u dan iktar u iktar peress li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni ma jistgħux jiġu kkonsmati jew użati konġuntament (ara, b'analoġija, is-sentenza CAMELO, punt 110 iktar 'il fuq, EU:T:2008:22, punt 66).
- 137 F'dan ir-rigward għandu jifakkar li, kif diġà ntqal (ara l-punti 80 sa 85 u 92 sa 93 iktar 'il fuq), il-Bord tal-Appell ibbaża ruħu, meta ssokta bl-analiżi tiegħu għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, fuq żewġ premessi ipotetiċi li jgħidu, minn naħa, li t-trade marks preċedenti jibbenefikaw minn reputazzjoni eċċezzjonali u, minn naħa l-oħra, li setgħet tiġi stabbilita rabta bejn is-sinjali inkwistjoni. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-intensità tar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq premessa ipotetika li ġew ipprovat l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti. Skont dawn l-allegazzjonijiet, li qiegħda ttenni r-rikorrenti, fil-parti l-kbira, quddiem il-Qorti Ġenerali, it-te Darjeeling, li r-reputazzjoni tiegħu hija riflessa fit-trade marks preċedenti, huwa rikonoxxut bħala te raffinat, ta' kwalità unika u eċċezzjonali.
- 138 Kif jista' jiġi dedott mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 66 sa 125 iktar 'il fuq, sa fejn l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jeżiġix, għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, xebh bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni, il-konstatazzjoni li tipprovdi li jeżistu differenzi kbar bejn il-prodotti u servizzi koperti u l-konsumaturi ma jippretendu li teżisti ebda rabta bejn il-produtturi tat-te u l-kumpannija tal-persuna li tapplika għal reġistrazzjoni, ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' vantaġġ indebitu miksub mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti li, skont il-premessa ipotetika li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, hija ta' intensità eċċezzjonali.
- 139 Fil-fatt, fejn hija involuta trade mark preċedenti ta' reputazzjoni eċċezzjonali, anki jekk il-prodotti u s-servizzi koperti mis-sinjali inkwistjoni huma differenti ħafna, ma huwiex inkonċepibbli li l-pubbliku rilevanti jasal jittrasferixxi l-valuri ta' din it-trade mark preċedenti lill-prodotti jew lis-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha tintalab ir-reġistrazzjoni (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Mejju 2013, You-Q vs UASI, C-294/12 P, EU:C:2013:300, punt 69).
- 140 Fil-każ inkwistjoni, minn naħa, il-valuri evokati mill-element kondiviż mis-sinjali inkwistjoni, jiġifieri l-element verbali "darjeeling", li jirreferi għal te kkummerċjalizzat bit-trade marks preċedenti, u li għandu reputazzjoni eċċezzjonali skont premessa ipotetika li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, huma dawk ta' prodott raffinat, esklużiv, ta' kwalità unika. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-fatt li l-analiżi tal-Bord tal-Appell hija bbażata fuq il-premessa ipotetika ta' reputazzjoni eċċezzjonali, jista' jiġi preżunt li parti kbira mill-pubbliku kkonċernat ikun jaf li r-reġjun bl-istess isem li minnu joriġina dan il-prodott jinsab fl-Indja. Għalhekk, l-element verbali "darjeeling" jista' jevoka eżotiċiżmu, kif ukoll senswalità u misteru li huma konnessi, f'moħħ il-pubbliku, mar-rappreżentazzjoni ta' pajjiż Orjentali.
- 141 Għandu jiġi rrilevat li din il-konklużjoni ma tikkontradixx dik dwar id-dannu lill-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti (ara punt 111 iktar 'il fuq). Minkejja, fir-rigward tar-riskju tad-dannu lil-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti, il-pubbliku rilevanti, jiġifieri, kif ġie ppreċiżat fil-punt 95 iktar 'il fuq, il-pubbliku li fir-rigward tiegħu huma indirizzati t-trade marks preċedenti, ma jagħmel ebda konnessjoni bejn il-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u Darjeeling bħala reġjun fl-Indja, xejn ma jipprekludi li l-pubbliku li fir-rigward tiegħu hija indirizzata t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jkun jista' jiġi attirat bit-trasferiment, lejn it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, tal-valuri u tal-kwalitajiet pożittivi marbuta mal-imsemmi reġjun.

- 142 Fid-dawl ta' dak li ntqal u, b'mod partikolari, tal-fatt li l-premessa ipotetika li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata tirreferi għal reputazzjoni ta' intensità eċċezzjonali, il-kwalitajiet pożittivi evokati mill-element verbali "darjeeling", li huwa kondiviż mis-sinjali inkwistjoni, jistgħu jiġu trasposti għal ċerti prodotti jew servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u, konsegwentement, isaħħu s-saħħa ta' attrazzjoni ta' din tal-aħħar.
- 143 Fil-fatt, fir-rigward tal-prodotti koperti u li jaqgħu fil-klassi 25, it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni tista' tibbenefika minn kwalitajiet pożittivi evokati mit-trade marks preċedenti u, b'mod partikolari, mill-immaġni ta' sofistikkazzjoni jew anki ta' senswalità eżotika evokata mill-element verbali "darjeeling". Għaldaqstant, riskju ta' vantaġġ indebitu miksub ma jistax jiġi eskluż fir-rigward tal-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 25.
- 144 Din il-konstatazzjoni tapplika wkoll fir-rigward ta' servizzi ta' bejgħ bl-imnut koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, li jaqgħu fil-klassi 35 u li huma marbuta ma' prodotti li jaqgħu fil-klassi 25 u koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, jiġifieri servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' ħwejjeġ u lbies ta' taħt tan-nisa. Fid-dawl tan-natura tal-prodotti li magħhom huma marbuta, dan japplika wkoll għal servizzi oħra ta' bejgħ bl-imnut koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 35, jiġifieri servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fwejjaħ, ilmijiet tal-fwieħa u kosmetiċi, bjankerija tad-dar u tal-banju, għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq.
- 145 Min-naħa l-oħra, dan ma japplikax għal servizzi oħra li jaqgħu fil-klassi 35 u lanqas għas-servizzi kollha li jaqgħu fil-klassi 38 koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fil-fatt, ir-raġuni li għaliha l-użu tat-trade mark ikkontestata jagħti lill-intervenjenti vantaġġ kummerċjali fir-rigward ta' servizzi oħra għajr dawk imsemmija fil-punt preċedenti ma tirriżulta b'ebda mod mill-fajl u r-rikorrenti ma ppreżentat ebda prova speċifika li tista' tistabbilixxi tali vantaġġ potenzjali. Għalhekk, il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell f'dan ir-rigward għandha tiġi kkonfermata.
- 146 Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq il-premessa ipotetika ta' reputazzjoni eċċezzjonali tat-trade marks preċedenti, hemm lok li tiġi annullata parzjalment, sa fejn il-Bord tal-Appell ċaħad l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, billi eskluda, fir-rigward tal-prodotti kollha li jaqgħu fil-klassi 25 u tas-servizzi ta' bejgħ bl-imnut li jaqgħu fil-klassi 35 u koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, l-eżistenza ta' riskju ta' vantaġġ miksub mill-użu indebitu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni.
- 147 Bħala segwitu ta' dan l-annullament parzjali, huwa l-Bord tal-Appell li għandu jeżamina mill-ġdid l-argumenti tar-rikorrenti li hija tibbaża, fl-appell tagħha mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, fuq l-eżistenza ta' riskju ta' vantaġġ indebitu bbażat fuq l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009. L-ewwel nett, huwa għandu jasal għal konklużjoni definittiva dwar l-eżistenza ta' reputazzjoni tat-trade marks preċedenti u, skont il-każ, dwar l-intensità tagħha.
- 148 Jekk il-Bord tal-Appell jikkonkludi, kuntrarjament għal premessa ipotetika li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, li r-reputazzjoni ta' ebda waħda mit-trade marks preċedenti ma hija, fl-aħħar mill-aħħar, ipprovata, huwa għandu jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li waħda mill-kundizzjonijiet tiegħu tkun nieqsa, u għandu jiċħad, fl-intier tiegħu, l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.
- 149 Jekk il-Bord tal-Appell jasal għall-konklużjoni definittiva li, fil-każ inkwistjoni, fir-rigward minn tal-inqas waħda mit-trade marks preċedenti, hija pprovata reputazzjoni b'intensità inferjuri għal dik ta' reputazzjoni eċċezzjonali li tikkostitwixxi l-premessa ipotetika li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, huwa għandu jeżamina jekk tistax tiġi stabbilita rabta f'moħħ il-pubbliku bejn is-sinjali inkwistjoni u jfassal, f'dan ir-rigward, konklużjoni definittiva. Jekk, fil-kuntest ta' din l-analiżi, il-Bord

tal-Appell jikkonkludi li tali rabta ma tistax tiġi stabbilita, huwa għandu jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li kundizzjoni oħra tal-applikazzjoni tiegħu tkun nieqsa. Min-naħa l-oħra, jekk il-Bord tal-Appell jikkonkludi li tali rabta tista' tiġi stabbilita, huwa għandu, sussegwentement, jeżamina jekk jeżistix riskju ta' vantaġġ miksub mill-użu indebitu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

- 150 Fl-aħħar nett, jekk il-Bord tal-Appell jikkonkludi li fil-każ inkwistjoni ġiet effettivament ipprovata reputazzjoni eċċezzjonali ta' mill-inqas waħda mit-trade marks preċedenti u li tista' tiġi stabbilita rabta bejn is-sinjali inkwistjoni f'moħħ il-pubbliku, huwa għandu, konformement ma' din is-sentenza, jikkunsidra li, fir-rigward tal-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 25, kif ukoll tas-“servizzi ta' bejgħ bl-immnut ta' ħwejjeġ ta' taħt u lbies ta' taħt tan-nisa, fwejjaħ, ilmijiet tal-fwieħa u kosmetiċi, bjankerija tad-dar u tal-banju” li jaqgħu fil-klassi 35 u koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, hemm riskju ta' vantaġġ miksub mill-użu indebitu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u sussegwentement, għandu jeżamina, sabiex jasal għal konklużjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 għall-każ inkwistjoni, hekk hemmx raġuni debita għal dan l-użu.
- 151 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, fid-dawl tal-fatt li l-Bord tal-Appell, l-ewwel nett, ma wasalx għal konklużjoni definittiva dwar ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, it-tieni nett, ma wasalx għal konklużjoni definittiva dwar l-eżistenza ta' rabta bejn is-sinjali inkwistjoni f'moħħ il-pubbliku, u t-tielet nett, billi eskluda b'mod żbaljat l-eżistenza ta' riskju ta' vantaġġ miksub mill-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ma eżaminax jekk kienx hemm raġuni debita għal dan l-użu fis-sens tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tagħti deċiżjoni għall-ewwel darba, fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha tad-deċiżjoni kkontestata, dwar dawn it-tliet aspetti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Master, punt 68 iktar 'il fuq, EU:T:2014:1062, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 152 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, it-tieni motiv għandu jintlaqa' parzjalment u d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata sa fejn tikkonċerna l-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 25 u s-“servizzi ta' bejgħ bl-immnut ta' ħwejjeġ ta' taħt u lbies ta' taħt tan-nisa, fwejjaħ, ilmijiet tal-fwieħa u kosmetiċi, bjankerija tad-dar u tal-banju” li jaqgħu fil-klassi 35, u l-kumpliment tar-rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

- 153 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-partijiet jitolfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha. Għaldaqstant, għandu jiġi ordnat li kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-17 ta' Settembru 2013 (Każ R 1504/2012-2) hija annullata sa fejn tikkonċerna l-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 25 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irriedut u emendat, u s-“servizzi ta' bejgħ bl-immnut**

ta' ħwejjeġ ta' taħt u lbies ta' taħt tan-nisa, fwejjaħ, ilmijiet tal-fwieħa u kosmetiċi, bjankerija tad-dar u tal-banju" koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni u li jaqgħu fil-klassi 35 fis-sens tal-imsemmi ftehim.

- 2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**
- 3) **Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Gratsias

Kancheva

Wetter

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Ottubru 2015.

Reġistratur

Il-President